TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Karl Grech Friggieri

vs

Busy Bee (Retail) Limited

CCT 176/23/MS

6 ta' Marzu 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-18 ta' Lulju 2023 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lis-socjeta' intimata ihallsu l-ammont ta' elf u tmien mitt euro (€1,800), rifuzjoni ta' depozitu imhallas lilll-istess socjeta' intimata, wara li t-tieg tieghu u tal-mara ma setax isir minhabba restrizzjonijiet in konnessjoni mal-pandemija tal-Covid 19, kif spjegat ahjar fl-avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrent u dan peress illi skond it-termini tal-kuntratt datat 13 ta' Frar 2020 *"the deposit shall not be forfeited in the event of cancellation"*; illi r-rikorrent kien ippospona d-data originali tat-tieg taghhom ghal 11 ta' Settembru 2020, u regghu pposponew din it-tieni data ghal data 14 ta' Marzu 2021, nonostante l-fatt illi t-tieg taghhom seta jsir fil-11 ta' Settembru 2020 u ma kien hemm l-ebda ostakolu; illi fl-14 ta' Marzu 2021 ic-cerimonja ma setghetx issir minhabba restrizzjonijiet imposti mill-Gvern u wara r-rikorrent u martu ma xtaqux iktar is-servizzi tas-socjeta' intimata; illi in vista tal-fatt illi d-depozitu mhallas kien *non refundable,* il-pretenzjoni tar-rikorrent ghar-rifuzjoni hija infondata u frivola, u dan minbarra l-fatt illi d-depozitu fil-pusess tas-socjeta' ma jammontax ghal elf u tmien mitt euro (€1,800), stante li thallset it-taxxa fuqu; illi t-talba tar-rikorrent mhix wahda ekwa u lanqas gusta u dan peress illi t-tieg seta' jsir fil-11 ta' Settembru 2020 izda kienu l-konjugi li frivolement iddecidew li ma jsirx it-tieg dakinhar, ben konsapevoli tar-riskju li ma jkunx jista' jsi f'data ohra kawza tal-pandemija; illi inoltre l-Gvern hareg skema permezz ta' liema offra rimborz ta' depozitu mitluf minhabba posponiment jew adattament tac-cerimonja tat-tieg minhabba l-pandemija, liema skema kienet tkopri ceremonju tat-tieg li originarjament kellhom isiru bejn it-8 ta' Marzu 2020 u 31 ta' Dicembru; illi mhux talli n-natura ta' din l-iskema turi li l-fornituri tas-servizzi ma kellhomx l-obbligu u lanqas kienu mistennija li jirrifondu d-depoziti mitlufa, izda t-tliet dati kollha rizervati mill-konjugi kienu jaqghu bl-ambitu ta' din l-iskema; illi li kieku fornituri kellhom l-obbligu li jaghtu refuzjoni

tad-depozitu li ntilef, l-iskema kienet tigi bla uzu; illi ghaldaqstant il-konjugi Grech Friggieri kellhom rimedju iehor sabiex jirkupraw id-depozitu, izda baqghu latenti u naqsu milli jaghmlu uzu minn din l-iskema; illi s-socjeta' esponenti m'ghandhiex kontroll fuq restrizzjonijiet illi s-supretendent ghas-sahha pubblika timponi u ghalhekk is-socjeta' esponenti m'ghandhiex twiegeb ghal konsegwenzi ta' tali restrizzjonijiet imposti.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fl-10 ta' Novembru 2018, r-rikorrent u l-mara tieghu dahlu fi ftehim *(catering and venue agreement)* mas-socjeta' intimata u hallsu depozitu ta' €1,800 ghal tieg taghhom li kellu jsir Villa Mdina fl-14 ta' Marzu 2020, ghal mitejn u disghin ruh. Fit-12 ta' Marzu 2020 harget ordni publika li tigijiet ma setghux isiru u ghalhekk il-partijiet ftehmu illi jipposponu t-tieg ghal data ohra u ftehmu fuq 11 Settembru 2020 (ara emails skambjati, datati 18 ta' Marzu 2020). Illi fid-9 ta' Awwissu 2020, il-konjugi Grech Friggieri ddecidew illi jergghu jbiddlu d-data tat-tieg taghhom ghal 14 ta' Marzu 2021 u din giet accettata mis-socjeta' intimata. (Ara email 11 Awwissu 2020). Gara pero', li fil-11 ta' Marzu 2021, il-Gvern rega' hareg ordni pubblika u rega' ghalaq l-events tal-massa u baqghu mal-kumpanija illi jippruvaw issibu data iktar il-quddiem. Illi f'Marzu 2022, ir-rikorrenti talbu d-depozitu lura izda s-socjeta' intimata irrifjutat u talbuhom ukoll li jaghmlu event izghar, bhal maghmudija, pero' baqghu jinsistu illi jrid ikun tieg u bil-fors Villa Mdina. Ir-rikorrent ikkonferma illi huma kienu hadu rifuzjoni ta' €2,000 wara li l-Gvern hareg bl-iskema fejn koppji setghu jitolbu elfejn euro darba biss. Ikkonferma wkoll illi kienu hallsu d-depozitu permezz ta' cheque minn joint account tieghu u tal-mara. Qal ukoll illi tilfu hafna mid-depoziti u kien hemm minnhom li haduhom bhala servizz iehor.

Xehdet ukoll Maria-Christina Grech Friggieri li pprezentat l-ircevuta tal-fjuri illi huma hallsu ghaz-zewg tigijiet - Dok A. Ikkonfermat ukoll illi t-tahdidiet sabiex jiehdu lura d-depozitu bdew f'Marzu 2021wara li thassar it-tielet tieg. Ikkonfermat ukoll illi kien hemm xi depoziti li haduhom lura, pero' tilfu hafna izjed.

Illi xehed ukoll Brian Friggieri, direttur tal-kumpanija Busy Bee (Retail) Ltd. li kkonferma illi ghalkemm huma rcevew depozitu ta' €1,800.00, fil-fatt huma zammew biss €1,525.00 ghaliex parti minnu huwa VAT. Spjega illi d-depozitu jkopri kemm id-data tat-tieg, il-venue kif ukoll il-catering. Ghalkemm it-tieg gie pospost diversi drabi, huma dejjem zammew l-istess depozitu u qatt ma talbu izjed flus, u dan minkejja l-fatt illi fit-tieni data (11 Settembru 2020) tigjiiet kienu qed isiru. Illi, wara l-14 ta' Marzu 2021 kien hemm kommunikazzjoni fejn huma stess ipproponu dati u kienu lesti jergghu jipposponu t-tieg ghal data' ohra. Spjega wkoll illi minhabba l-fatt illi t-tielet tieg ma setax isir u gew avzati biss tlett ijiet biss qabel min-naha tal-

Gvern, huma sofrew danni, u dan ghaliex kien hemm certi items (per ezempju l-kejk u l-pastini) li ma jsirux fl-ahhar gurnata, u l-kejk kienet tiswa xi erba mitt euro. U dawn ma setghux jintuzaw ghal avvenimenti ohra. Ikkonferma wkoll illi r-rikorrent kien talbu biex juza d-depozitu ghal avveniment iehor, pero' qal illi depozitu mhuwiex *credit note* u huwa marbut ma' avveniment (*venue + catering).*

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' elf u tmien mitt euro, depozitu imhallas minnu ghal tieg *(catering and venue*) li gie pospost diversi drabi u baqa' ma sarx. Illi min-naha taghha, is-socjeta' intimata qiegghda tichad it-talba u dan minhabba erba' ragunijiet principali - 1) illi d-depozitu ma kienx rifondabbli; 2) illi huma kienu u baqghu disposti li jipposponu t-tieg anke wara t-tielet darba; 3) illi d-depozitu li nzammet kienet tinkludi wkoll il-VAT u huma sofrew ukoll danni in vista tal-fatt illi t-tieg gie kancellat tlett ijiem qabel meta xi affarijiet tal-ikel kienu diga' preparati; 4) ir-rikorrenti hadu rifuzjoni ta' elfejn euro min-naha tal-Gvern u dan seta' jkopri id-depozitu, jew almenu parti minnu.

Ikkunsidra

Illi ma jistax ikun hemm dubju illi meta l-kuntratt gie iffirmat fl-2018, hadd ma kienu ghadu sema' bil-Covid 19 u hadd ma seta' jobsor li xi darba kien ha jkun hemm restrizzjonijiet fuq avvenimenti bhal dawn. Pero' huwa daqstant minnu illi r-rikorrenti thallew jipposponu t-tieg taghhom, mhux darba, izda darbtejn u s-socjeta' intimata kienet disposta wkoll thallihom tipposponu d-data anke wara l-14 ta' Marzu 2021 u kienu r-rikorrenti illi ghazlu ill ma jipposponux it-tieg ghal data ohra. Ghalkemm huwa minnu illi l-ewwel u t-tielet dati giew kancellati mill-Gvern, u allura r-rikorrenti ma kellhom l-ebda kontroll fuq id-decizjoni, ghal dak li jirrigwarda t-tieni data (11 Settembru 2020), din kienet l-ghazla taghhom. Pero' tajjeb jew hazin, sabu l-kooperazjoni tas-socjeta' intimata illi fehmu l-element ta' riskju, anke ghalihom stess. Wara li t-tieg rega' gie pospost ghat-tielet darba, ir-rikorrent u martu ddecidew illi ma jaghmlux tieg izda riedu juzaw id-depozitu ghal avveniment izghar. Dan, pero' gie rifjutat mis-socjeta' intimata.

It-Tribunal jaghmilha cara illi ghalkemm iqis din is-sitwazzjoni bhala kaz fortuwitu illi kienet imprevedibbli, u jidhirlu li ghandu japplika l-ekwita' skond l-Art 21, japprezza wkoll illi l-ewkita ghandha tapplika ghaz-zewg nahat, u mhux ghal naha wahda biss. Fic-cirkostanzi, anke peress illi l-ewwel u t-tielet dati tat-tieg gew kancellati kwazi mill-lum ghal ghada, dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mit-Tribunal, ghaliex kif spjega tajjeb id-direttur, ikun hemm affarijiet tal-ikel li jigu preparati minn qabel. Ghalkemm l-intimat ma esebixxa l-ebda prova dokumentarja ta' dan l-ammont, it-Tribunal ser jistrieh fuq ix-xhieda guramentata tieghu u ha jiehu in kunsiderazzjoni l-ammont citat minnu ta' erba mitt euro.

lli ghalkemm it-Tribunal jemmen illi fic-cirkostanzi u gialdarba it-tieg ma sarx, ir-rikorrent ghandu d-dritt ghad-depozitu (jew parti minnha) lura, jemmen ukoll illi kienet zmien iebsa ghal kulhadd, inkluz ghas-socjeta' intimata, u allura jekk ir-rikorrent inghata rifuzjoni minghand il-Gvern bis-sahha tad-depozitu li huwa hallas l-isocjeta' intimata, din ir-rifuzjoni ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' l-esercizzju li ser jaghmel dan it-Tribunal.

Illi t-Tribunal sejjer jikkunsidra id-dokument li esebixxa r-rikorrent fejn spjega ezattament kemm hallsu ghaz-zewg tigijiet u kemm hadu lura.
Bhala fatt, irnexxielhom jiehdu lura nofs id-depozitu ta' hames mitt euro tal-band (€250) u tilfu n-nofs l-iehor. Hadu lura id-depozitu kollu li hallsu fuq it-Taxis, u uzaw is-servizzi tal-photographer/ videographer u l-fjuri ghall-avvenimenti ohra. Kif ghamlu ukoll bis-suits. Ghalhekk dawn l-ammonti mhux ser jigu kkunsidrati ghall-finiijiet ta' dan l-esercizzju.

L-istess jinghad ghal dak li huma souvenirs, flowergirl dress, hairpiece, bridesmaid dresses, wedding dress, bridesmaids shoes, masks - dawn huma kollha affarijiet li nzammu mir-rikorrenti u ma ntilfux. Ilbiesi, zraben u affarijiet bhal souvenirs jistghu dejjem jintuzaw fil-futur u ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux illi dawn ghandhom jittihedu in konsiderazzjoni meta t-Tribunal jigi biex jaghmel il-kalkoli.

Illi s-segwenti ammonti u cjoe' €325.00 tal-inviti, €100.00 ghal kantanta (mass singer), €1800 (catering), €250 (band), €50.00 (Photo Booth), €50.00 (hairdresser), €60.00 (confetti) ma gewx irkurpati mir-rikorrent - Total ta' €2,635.00 - li jinkludi wkoll l-ammont imhallas l-isocjeta' intimata.

Illi wara li qies ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal qed jiffissa l-ammont ta' rifuzjoni li ghandu jiehu r-rikorrent *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' tmien mija u hamsin euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' tmien mija u hamsin euro (€850.00). Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Michela Spiteri LL.D.**

**Arbitru**